MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2014

Numru. 256/2014

Il-**Pulizija**

**Spettur Jeanne Farrugia**

**VS**

**Huseyin Parmaksiz, ta' nazzjonalita' Torka, iben Aziz u Guzman, imwieled gewwa Golbasi, it-Turkija, nhar is-17 ta' Lulju, 1987, detentur tal-passaport numru U 08591476;**

**Ali Aydin, ta' nazzjonalita' Torka, iben Mustafa u Zeliha, imwieled gewwa Besni fit-Turkjia, nhar it-23 ta' Marzu, 1994, detentur tal-passaport numru U 08517665**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Huseyin Parmaksiz** u **Ali Aydin** li gew akkuzati talli:

1. Nhar it-13 ta’ Marzu, 2014, ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn dokument falsifikat, (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta’ Malta);

2. U aktar talli matul l-istess zmien, lok, u cirkostanzi, minghajr awtorita’ legittima, uzaw dokumenti, cioe’ Vizi, mehtieg ghall-fini tal-Att dwar l-Immigrazzjoni li kienu falsifikati (Kap 217, Sec 32(1f) tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputati t-tnejn ammettew u kkonfermaw l-istess ammissjoni, anke wara li l-Qorti spjegatilhom is-sinjifikat tal-istess.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputati ddikkjaraw li ma kellhomx oggezzjoni.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Issib htija wara li rat l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u l-Artikolu 32(1f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qieghda tilqa’ s-suggeriment tad-Difiza in kwantu ghall-ammissjoni bikrija u l-koperazzjoni mal-pulizija, u anke minhabba l-multa li hemm mahsub fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi zzomm il-piena karcerarja wahda fil-minimu ta’ tminn(8) xhur, u multa fil-minimu ta’ elf Ewro (€1,000).

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------